# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 11 TA' MEJJU 2001**

**Avviz Nru 131/00DM**

**Lloyds (Malta) Limited fil-kwalita taghha ta' rapprezentanti ex lege u ghalhekk ghan-nom tal-membri ta' Lloyds illi flimkien jifformaw id-ditti assikuratrici ossija sindikati ta' Lloyds illi jgibu in-numru 9801228 u 218 u li joperaw taht l-isem Ensign Motor Policies at Lloyds u Laferla Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti lokali ta' l-istess ditti ossija sindikati, liema sindikati qieghdin jagixxi kif jinsabu issurrogati fid-drittijiet tal-assikurat tieghu David Grech u l-istess David Grech**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex

1 Jiddikjara l-konvenut l-unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistku illi sehh fl-29 ta' Mejju 1998 fl-10.30am, gewwa l-SAG Headquarters, Siggiewi, bejn il-vettura tal-marka Peugeot 306, bin-numru ta' registrazzjoni GAB 203, koperta mill-atturi taht il-polza ta' assikurazzjoni numru 046001 – 31/07 mahruga fl-1 ta' Awwissu 1997 misjuqa minn David Grech, u l-vettura GVP 185 li ma kienetx ipparkjata sew u baqghet diehla fil-karozza GAB 203 u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur.

2 Tillikwida dawn id-danni residwali fis-somma globali ta' disa mija u disa u erbghin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmi (Lm949.48) jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Qorti bl-opera ta' periti nominandi.

3 Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi Lloyds (Malta) Limited u Laferla Insurance Agency u lil-imsemmi attur David Grech is-somma disa mija u erba' u ghoxrin liri Maltin u tmienja u erbghin centezimi (Lm924.48) u s-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) rispettivament jew sommom verjuri illi jigu likwidati minn dina l-Qorti in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi dak tal-konsult (Lm10) u tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Novembru 1999, u bl-imghax legali mid-29 ta' Mejju 1998, jew data ohra stabilita appozitament minn dina l-Qorti sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent mhux legittimu kontradittur in kwantu huwa fl-ebda mument (ex admissis mill-attur) ma kien qed isuq il-vettura li allegatament habtet ma' dik ta' l-intimat;

2 Illi huwa, ghalhekk, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

4 Salvi eccezzjonijiet ohra premmessi mil-ligi.

Rat in-nota tal-atturi pprezentata fit-8 ta' Frar 2000.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat  l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghalkemm il-konvenut ikkontesta t-talba attrici huwa ma deherx fis-seduta iffissata biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni mghamula mill-atturi.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u ghandhom ikunu ikkonfermati.

Ghalhekk tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistku illi sehh fl-29 ta’ Mejju 1998 fl-10.30am, gewwa l-SAG Headquarters, Siggiewi, bejn il-vettura tal-marka Peugeot 306, bin-numru ta’ registrazzjoni GAB 203, koperta mill-atturi taht il-polza ta’ assikurazzjoni numru 046001 – 31/07 mahruga fl-1 ta’ Awwissu 1997 misjuqa minn David Grech, u l-vettura GVP 185 li ma kienetx ipparkjata sew u baqghet diehla fil-karozza GAB 203 u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur.

Tillikwida dawn id-danni residwali fis-somma globali ta’ disa mija u disa u erbghin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmi (Lm949.48) . u

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi Lloyds (Malta) Limited u Laferla Insurance Agency flimkien u lil imsemmi attur David Grech, is-somma disa mija u erba' u ghoxrin liri Maltin u tmienja u erbghin centezmi (Lm924.48) u s-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) rispettivament in linea ta' danni.

Bl-imghax legali mid-29 ta Mejju 1998.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Mag. Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 25